MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 1053/1990/1

**Alexander Bezzina ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bezzina Bros. Limited**

**vs**

**Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici u l-Perit Anthony Satariano**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ippremetta illi:

Peress illi fil-lejl bejn l-10 u 11 ta' Novembru 1988 wara xita dahal kwantita' kbira ta' ilma fil-fabbrika tas-socjeta' attrici li tinsab fejn it-toroq Aldo Moro Road u Trunk Road Marsa.

Peress illi dan sehh minhabba l-fatt li nbdew xoghlijiet mill-konvenuti fuq *sewer mains* li kienu qed igibu d-dranagg tal-inhawi ta' Hal-Qormi liema xoghlijiet thallew fi stat inkomplet b'mod li ma kienx hemm komunikazzjoni bejn il-pipijiet li saru quddiem l-istess fabbrika go Aldo Moro Street u Trunk Road Marsa wara l-istess fabbrika b'mod li l-ilma msemmi baqa' diehel fil-fabbrika msemmija.

Peress illi dan ikkaguna hsarat kbar f'telf xoghol u hsarat konsiderevoli.

Peress illi ghalkemm l-esponenti nterpellaw lill-konvenuti dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta' attrici minhabba dak li gie premess.

2. tillikwida l-ammont tad-danni hekk kagunati.

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom tiddeciedi l-Qorti jhallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 9 tal-process fejn eccepew:

1. Preliminarjament, l'illegittimita' tal-persuna ta' l-attur stante li huwa m'ghandux ir-raprezentanza guridika tas-socjeta' 'Bezzina Bros. Limited.'

2. Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghall-premess illi kwantu diretta kontra l-konvenut il-Perit Anthony Satariano l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

3. Preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghall-premess illi l-konvenut il-Perit Anthony Satariano mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mit-talbiet stante li huwa ma kienx il-perit inkarigat direttament mill-esekuzzjoni tax-xoghlijiet in kwistjoni.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-danni allegatament sofferti minnu ma grawx minhabba xi ghemil jew nuqqas tal-konvenuti jew ta’ xi wiehed minnhom izda graw bhala rizultat ta’ kaz fortwitu u forza magguri li kkagunaw allegatament fil-lokalita’ kollha fejn tinsab il-fabbrika in kwistjoni.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-azzjoni hija wkoll karenti minn fondament guridiku stante illi l-esponenti fi kwalunkwe kaz ma ghandhom ebda obbligu li jipprovdu lqugh ta’ l-ilma ghall-beneficcju tas-socjeta’ attrici li di piu’ ma tgawdi ebda servitu’ f’dan is-sens fil-konfront taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota a fol 14 li biha l-atti fil-konfront tal-konvenut Satariano gew ceduti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet taghha a fol 16 li bih gie nominat il-Perit David Pace;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit a fol 92;

Rat in-nomina ta’ Periti Addizzjonali a fol 358;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti a fol 444;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Periti in eskussjoni;

Rat in-noti tal-partijiet;

## FATTI

Din il-kawza tirrigwarda hsarat li gew kagjonati fil-fabbrika tas-socjeta’ attrici wara maltempata fil-lejl bejn l-10 u 11 ta’ Novembru 1988 meta dahlet kwantita’ kbira ta’ ilma fil-fabbrika li tinsab fejn it-toroq Aldo Moro Road u Trunk Road Marsa.

Is-socjeta’ attrici qed tallega li wara l-kostruzzjoni ta’ *culvert* li jaqsam minn taht Triq Aldo Moro li jwassal s-sistema tad drenagg mill-art tal-Marsa Sports Ground u l-inhawi ghal triq li taghti ghall port wara l-fabbrika tas-socjeta’ attrici thalla xoghol mhux komplut mill-konvenuti u b’hekk meta ghamlet il-maltempata kwantita’ kbira ta’ ilma sbroffa minn madwar dan ix-xoghol u dahal fil-fabbrika u kkawza hsara kbira.

## RAPPORTI PERITI

Il-Qorti kienet nominat il-Perit David Pace biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

### Relazzjoni David Pace

Skond verbal fol 50 (datat 28/1/1998) il-perit kellu jirrelata biss fuq il-kwistjoni tar-responsabilita’ u tal-quantum tad-tindif tal-fabbrika.

Dwar responsabilita’ hu kkonkluda (ara para 51 tar-relazzjoni a fol 127) li
‘l-ezistenza tal-*culvert* kif ukoll tal-fatt illi kien ghad hemm materjal migbur fl-inhawi tal-bokka tan-naha tal-fabbrika

ta’ l-atturi kien il-fatturi ewlieni li kkawza l-gharghar gewwa l-fabbrika. Hu jghid ukoll li jekk verament l-ilma li kien lahaq ingabar fuq in-naha tal-korsa faqa’ l-hajt ta’ wara l-pompa tal-petrol (u dan hu kontestat minn xhieda okulari) dan ma kienx il-fattur li gharraq il-fabbrika ghaliex l-ewwel post li kien jaqa’ fuqu kien ikun l-arja ta’ madwar il-pompa tad-drenagg u minn hemm kien hemm il-via li kienet tiehdu lejn il-bahar’.

Dwar il-quantum ghat tindif tal-fabbrika l-perit ikkonsidra li biex jitnehha l-ilma u t-tajn mill-fabbrika kollha inkluz minn fuq il-magni, kif ukoll biex jitressqu u jitnehhew il-kwantita’ ta’ stokk u materjal iehor li kien hemm fil-fabbrika sabiex isir it-tindif sew u anke biex imbaghad wara li l-fabbrika tkun tnaddfet u tingieb fi stat li jista’ jinbeda x-xoghol ta’ tiswija, qlugh u ripristinar ta’ magni jkun hemm bzonn nefqa ta’ Lm3,920.

**Rapport Periti Addizzjonali**

Il-konvenut hassu aggravat minn dina r-relazzjoni u talab in-nomina ta’ periti addizzjonali.

Il-Periti addizzjonali ezaminaw in-nota tal-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet (ara fol 434) fejn spjega r-ragunijiet il-ghala hu ma qabilx ma’ l-ewwel perit nominat mill-Qorti fil-konkluzzjonijiet tieghu u ghaliex intalbet perizija ulterjuri.

Il-Periti addizzjonali ezaminaw id-diversi punti sollevati mill-konvenut fin-nota tieghu u waslu ghas-segwenti konkluzzjoni:

Para 17: Illi l-prezenza ta’ dan il-*culvert*, il-volum kbir ta’ l-ilma li ghadda minn dan il-*culvert*, is-sahha u energija ta’ dan l-ilma li hareg mill-*culvert*, il-fatt li dan l-ilma ma kellux access liberu lejn art aktar baxxa lejn il-bahar peress li thalla hafna materjal fil-vicinanza tal-*factory* ta’ l-attur noe, liema materjal serva bhala *embankment* li tefa l-ilma fid-direzzjoni tal-*factory* flok ‘il boghod mill-factory, dan kollu

jsahhah il-fehma tas-sottoskritti illi l-kagun tal-hsara u dannu li saret fil-*factory* ta’ l-attur noe hi dovuta ghall-prezenza ta’ *culvert* mibni mill-konvenuti, li kien thalla fi stat inkomplet u ghall-fatt illi fl-*area* vicin il-*factory* ta’ l-attur noe, u proprju jmiss ma dina l-*factory*, il-konvenuti kienu hallew hafna materjal, gebel, trab ecc li ostakolaw il-*flow* naturali ta’ l-ilma u dderigew l-ilma fid-direzzjoni tal-*factory* ta’ l-attur noe.

Para 18: Illi ghaldaqstant, ghal dik li hi responsabilita’, is-sottoskritti jaqblu mad-decizjoni li lahaq l-ewwel Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu.

Dwar Danni l-periti ppremettew li b’verbal fis-seduta tas-26 ta’ Lulju 2005 il-partijiet ftehmu illi ‘il-periti perizjuri ghandhom jisimghu kwalunkwe prova li fadal u jaghmlu rapport wiehed li jkopri l-punti kollha in kawza, kif effettivament kien programmat u progettat fid-digriet originali tan-nomina ta’ l-ewwel perit, moghti fil-11 ta’ April 1991 (a fol 17).

Biex illikwidaw dawn id-danni l-Periti principalment qghadu fuq id-Dok A14 a fol 148/149 u Dok MB1 a fol 160/161 kif ir- Report & Accounts 1984-1989 Dok ACC1 sa ACC67.

Fuq l-*items* imsemmija fid-dok MB1 li qed jitlob il-hlas taghhom l-attur noe, il-Periti ezaminaw ix-xhieda ta’ Alfred Cremona wiehed mill-*partners* ta’ KPMG li harget dan id-dokument. Ix-xhud gie kontroezaminat mill-konvenut u anke sarulu domandi ulterjuri fil-mitkub fuq dan l-istatement u ghalihom wiegeb ukoll bil-miktub.

Saret eskussjoni ta’ l-ewwel perit kif ukoll tal-periti addizjonali kemm fir-rigward tar-responsabilita’ kif ukoll tal-likwidazzjoni tad-danni u l-Periti ikkonfermaw il-konkluzzjonijiet taghhom.

**SOTTOMISSJONIJIET TAL-PARTIJIET**

Fin-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom il-partijiet bazikament irrepetew il-posizzjoni li kienu hadu mill-bidunett tal-kawza u li diga giet ezaminata ezawrjentement mill-periti nominati minn dina l-Qorti.

L-istitut tal-prova permezz ta’ perizija huwa intiz sabiex il-Qorti tkun tista’ tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta’ kawza illi jkunu ta’ natura tali illi jirrikjedu tahrig specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati.

Opinjoni teknika, bhal kull prova ohra, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbili, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha *mano libera* li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista’ tigi skartata mill-Qorti. Dan pero’ mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti u meta jkun jidher “sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragjonevoli” G. Bugeja vs E.  Muscat et App 23.6. 1967 L1-1-390, jew jezistu bizzejjed “ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju l-opinjoni teknika lilha sottomessa. P. Grima vs C. Mamo App 29.5.1998. Ara wkoll sentenza App Camilleri vs Debattista 9/2/2001 u sentenza Appell Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina, 19 ta’ Ottubru, 2005; Carmel Sciortino vs Helen Camilleri et Appell deciz fil-31 ta’ Lulju, 1996 u Veronica Camilleri vs Joseph Thorne et Civil Inferjuri deciza fit-2 ta’ Dicembru, 2002).

Is-socjeta’ attrici taqbel mal-konkluzzjonijiet peritali li l-ilma spicca fil fabbrika minhabba l-materjal li kien qed jostakola t-triq li hallew warajhom il-konvenuti u ghalhekk ma setghax jispicca fil-bahar kif ukoll minhabba il-*culvert* li ggwida l-ilma gol-fabbrika. Isostni li ghallkemm il-fabbrika qeghda f’livell baxx meta kkumparat mal-bahar kien hemm arrangement bizzejjed biex jilqa’ l-isfidi li volum kbir ta’ ilma f’dina l-*area* igib mieghu. Ghalkemm kemm il-darba kien hemm xita qawwija izda lill-fabbrika qatt ma gralha l-hsara li grala f’dan l-incident.

Il-konvenuti jsostnu li l-ilma tax-xita dakinhar dahal gewwa l-fabbrika *by gravity* minn kull direzzjoni u mhux *by pressure* mill-*culvert*. Il-kawza ta’ l-gharghar kienet ix-xita straordinarja li nizlet u mhux il-*culvert* biswit il-fabbrika peress illi bih u minghajr il-*culvert*, il-fabbrika tas-socjeta’ attrici xorta wahda kienet teghreq. Dan kien kaz ta’ casus peress li hemm element naturali tax-xita ta’ intensita’ mhux tas-soltu u straordinarja; kien hemm *force majeure* la darba l-avveniment kien imprevedibbili u rresistibbili. Kien mprevedibbili ghax qatt qabel ma kien hemm dik il-herba li kien hemm dakinhar u anke bl-uzu tad-debita kura l-incident l-istess kien isehh u kien irresistibbili billi la darba l-Marsa kollha kienet mgharrqa, bil-*culvert* u minghajru, l-fabbrika xorta wahda kienet teghreq.

**PUNTI TA’ DRITT**

Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-“forza magguri” hija dik il-forza li ghaliha huwa mpossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-“kaz fortuwitu” huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta’ ordinarja diligenza – “Albert Borg Falzon pro et noe - vs - Charles Darmanin pro et noe”, Appell Kummercjali, 7 ta’ Gunju 1940 (Vol XXX pI p869).

“Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, event imprevedibbli u inevitabbli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta’ l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-“*bonus pater familias*”, li fin-nuqqas taghha ggib il-“colpa” tad-debitur, li allura jiznatura l-koncett tal-“forza maggiore” – “Kurunell Hugh Philip Raymond noe -vs- Negte Manwel Busuttil pro et noe”, Appell Kummercjali, 16 ta’ Novembu 1942 (Kollez Vol XXXI pI p554).

Kif ahjar spjegat fis-sentenza fil Vol XXIV pI p172, “*quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza*

*avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto”*.

Illi “l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur” (“Consiglia Fenech –vs- Angelo Carabott, Appell Kummercjali, 17 ta’ Novembru 1941, Vol XXXI pI p467) liema prova f’kawzi civili ghad-danni tasal sal grad ta’ probabilita`,

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami li l-*area* tal-Marsa fejn gara l-incident hi *area* maghrufa ghall gharghar u fejn jingabar hafna ilma tax-xita li jinzel mhux hemm biss imma li jkun gej min-naha ta’ H’Attard u Hal-Qormi. Ghalhekk kien prevedibbili li jekk ikun hemm maltempata dika l-*area* tista’ tigi mgharrqa, bhal ma gara f’okkazzjonijiet precedenti.

Din ma kienitx l-ewwel darba li kien hemm maltempata kbira u gharghar. Kien hemm okkazzjonijiet ohra qabel meta dawk l-inhawi gherqu b’maltempati qawwija bhal ma gara f’dina l-okkazzjoni imma ma kienux gew rappurtati li kien hemm incidenti simili ta’ hsara bhal ma garrab l-attur noe. Il-Periti nominati jirritjenu li l-arrangamenti li kien hemm ghall kazi ta’ ilma eccezzjonali, ghalkemm ma kienux ideali ghal kollox, ma kienux pero’ jhallu d-dizastru li halliet warajh il-maltempata in kwisjtoni. F’dan il-kaz izda kien hemm cirkostanzi specjali li biddlu l-mizuri ta’ qabel fis-sens li f’din l-okkazzjoni kien hemm *culvert* miftuh taht it-triq li thalla mill-konvenuti miftuh fejn is-soltu jingabar l-ilma. Din id-darba dan il-*culvert* serva bhala *relief/valve* ghal ilma li kien ingabar u hareg b’certa qawwa fl-inhawi tal-fabbrika minflok ma ha it-triq naturali tieghu lejn il-bahar. Qabel dina l-okkazzjoni kien ikun hemm gharghar izda dan kien jigi kontenut u jiddilaga b’mod kontrollat.

Il-periti kollha qablu li l-*culvert* miftuh ffacilita’ u halla l-ilma li soltu jingabar wara min-naha l-ohra tat-triq johrog b’certu qawwa ghal go fejn hemm il-fabbrika ta’ l-attur noe. Li kienu l-*culvert* kien maghluq kien jingabar l-ilma in-naha l-ohra tat-triq u kien isib il-mod aktar ikkontrollat kif jinzel lejn il-bahar. Fil-fatt wara l-incident meta dana l-

*culvert* gie mblokkat mill-haddiema tal-konvenut l-ilma fil-fabbrika beda jonqos.

Skond il-periti li *storm water channel* suppost ilahhaq mal-ilma imma f'dan il-kaz ma kienx qed ilahhaq u l-ilma beda jingabar kif gara f'okkazzjonijiet ohra pero' dina d-darba minflok ingabar kompletament, sab zvog mill-*culvert*. Inoltre kien hemm materjal imholli mill-konvenuti wara li spiccaw mix-xoghol li ghalaq it-triq tal-flow tal-ilma u dan ma kellux fejn imur hlief lejn il-fabbrika. l-hajt li kien qed jipprotegi l-fabbrika ma serva ghal xejn billi l-ilma beda ghaddej mill-*culvert* ghal fabbrika. Veru li kien hemm gharghar kullimkien izda f'dina l-parti fejn il-fabbrika ta' l-attur noe dahal hafna ilma li gie lokalizzat mill-*culvert* ghal fejn il-fabbrika minflok qabad it-triq li soltu imur lejn il-bahar.

Dwar il-fatt li l-*pumping station* gherqet ukoll dakinhar avolja ma kienx hemm *culvert* hdejha, il-periti jghidu li fil-fatt dina qeda fejn li *storm water channel* u qeda wkoll fi *flooding area* u fejn kien hemm *excessive water pressure*. Fil-kaz ta' l-attur noe pero' kien hemm *culvert* li kien qed jitfa l-ilma direttament gol-fabbrika.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien responsabbili ghall hsarat li sofra l-attur noe. Dak li gara kien prevedibbili apparti li kien hemm ukoll negligenza da parti tal-konvenut meta thalla xoghol mhux kompletat u materjal mitluq fejn il-fabbrika.

**DANNI**

Dwar danni s-socjeta' attrici tissottometti li fejn setghet hija gabet l-ahjar prova . Hi strahet fuq il-prospett tad-danni li qed tirreklama. Dok MB1 fol 160-161

Il-konvenuti min-naha l-ohra jinsistu li s-socjeta' attrici ma gabitx l-ahjar prova, hemm nuqqas ta' ricevuti u d-danni mitluba mhumiex certi u huma bbazati fuq stimi soggettivi.

Dwar il-*quantum* ghat tindif tal-fabbrika l-ewwel perit ikkonkluda li kien hemm bzonn nefqa ta' Lm3,920.

Il-Periti addizzjonali illikwidaw l-ammont dovut lill-attur noe ghad danni l-ohra fl-ammont ta' Lm28,902.00 kif hemm dettaljatament spjegat fir-relazzjoni taghhom minn para 20 sa 33 b'rikapitulazzjoni f'para 34.

Il-Periti bdew bil-premessa li d-data li tohrog mill *accounts* prezentati mill-attur noe ma tantx jaghtu ghajnuna biex wiehed jasal ghal kwantum tad-danni pretizi mill-attur noe. Dan kemm minhabba l-kwalifika ta' l-awdituri tas-socjeta attrici[1] u kemm minhabba li jidher pjuttost stramb u nsolitu li ghal hames snin shah is-socjeta' attrici kellha fl-ahhar tas-sena l-istess ammont ta' *stock, work in progess* u *finished goods.* Ghalhekk il-periti strahu fuq dak li rrizulta mid-dokumenti u xhieda ohra prodotta fil-kawza, u f'certi kazijiet applikaw il-principju ta' *arbitrio boni viri* fejn assolutament ma kienx hemm mod iehor biex jaslu ghal figuri precizi. (para 29 u 30 tar-relazzjoni).

Dwar l-ewwel *item* fl-ammont ta' Lm9,927.00 ghal pagi u salarji l-periti sabu li dawn huma gustifikati. Alfred Cremona pprezenta Appendix 1 (fol 362) fejn hemm *breakdown* tal pagi u salarji.

Dwar l-*item* 2 fl-ammont ta' Lm2,383 hemm *invoices* imhallsa lil Malta Drydocks ghax-xoghol li sar minn Joe Carbonaro fl-ammont ta' Lm1,053, (ara fol 364-366) mentri ma hemmx indikazzjoni ta' hlasijiet fir-rigward tax-xoghol li sar minn Charles Caruana. Il-konvenut ghalhekk isostni li f'dan il-kaz l-ahjar prova hija nieqsa u dina l-pretenzjoni m'ghandhiex tigi accettata ghax mhux pruvata. Fil-fatt pero' l-Periti jostnu li gie pruvat li Caruana ghamel xoghol sostanzjali bhala *maintenance technician* fuq il-makkinarju tas-socjeta' attrici ghal perjodu ta' xaghrejn, wara l-hin tax-xoghol u dana kien jimmerita l-ammont ta' Lm1,330.

Dwar *item* 3 fl-ammont ta' Lm8,791.00 l-awditur tas-socjeta' attrici xehed li ma setghax isib il-*file* bid-dettalji

[1] 'In the absence of costings and production records, stocks and work in progress have been estimated by management'. (Ara Nota fl-accounts rigward ' Stock & Work in progress'.)

relattivi. Il-konvenut isostni li lanqas ma gie prodott is-*survey* li suppost sar mis-socjeta' attrici dwar il-hsara gewwa l-fabbrika wara l-gharghar. Inoltre l-awditur ghamel ir-riserva fuq imsemmija u nonostante dana l-periti llikwidaw l-ammont shih mitlub mis-socjeta' attrici.

Il-Periti addizzjonali bdew bil-premessa gja ndikata minnhom, u esprimew diffikolta biex issir il-verifika u kontrol fuq dak li ssottomettew l-atturi fir-rigward ta' dana l-*item*. Huma pero' taw ir-ragunijiet taghhom ghaliex qed jaccettaw l-ammont mitlub billi hemm provi ohra li jistghu jikkorroboraw it-talba ta' l-attur noe (ara fol 26 tar-relazzjoni). Il-Qorti ma ssib xejn irragjonevoli fil-konkluzzjoni tal-periti dwar il-hsara li garrab l-attur noe taht dana l-*item*.

Dwar item 4, 5 u 6 ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Dwar *item* 7 ix-xhud Cremona pprezenta Appendix 2 fejn hemm *breakdown* ta' l-ammont mitlub. (ara fol 361-363) Dwar tiswijiet u xogholijiet strutturali l-konvenut issottometta li hemm nuqqas ta' ricevuti f'dan ir-rigward li jissostanzjaw it-talbiet attrici u nonostante dana l-periti llikwidaw favorevolement ghas-socjeta' attrici.

Il-periti ghamlu riferenza a fol 228 tal-process minn fejn jirrizultaw ix-xogholijiet li kienu necessarji biex issewwiet il-hsara fl-istruttura tal-fabbrika. Il-Perit fil-fatt ma lahqux it-talba kollha tas-socjeta' attrici f'dan ir-rigward ghar-ragunijiet imsemmija minnhom a fol 29 tar-relazzjoni.

Ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' Lm28,902 li maghhom irid jzdied l-ammont ta' Lm 3,920 likwidat minn l-ewwel perit.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa t-talbiet tas-socjeta' attrici

Tiddikjara lill-konvenut Direttur tax-Xogholijiet Pubblici responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta' attrici[2];
tillikwida l-ammont tad-danni hekk kagunati fl-ammont ta' sitta u sebghin elf, erba' mija erbgha u hamsin euro u disgha u sittin centezmi (Euro 76454.69) – (Lm32,822) ;
u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data ta' l- eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Il-kawza kienet giet ceduta fil-konfront tal-Perit Satariano fol 14.